# Kunsill Lokali tal-Imqabba

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**2017**

## IL-WERREJ


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **3** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq** | **13-15** |
| **Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank** | **16** |
| **Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements*** | |

Dr Charlene Muscat

Sindku

## 2.1 Is-seba' leġislatura tal-Kunsill

| **Inkarigu** | **Parteċipazzjoni f'laqgħat** |
|---|---|
| Dr Charlene Muscat (Sindku) | 100.00% |
| Sinjorina Grace Marie Mallia (Viċi Sindku) | 87.50% |
| Sur Michel Farrugia (Kunsillier) | 37.50% |
| Sur Paul Spiteri (Kunsillier) | 93.75% |
| Sinjura Anita Farrugia (Kunsillier) | 87.50% |

**Impjegati**

| | |
|---|---|
| Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv) | 100% |
| Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv) | mhux applikabbli |
| Sinjorina Kylie Anthea Fenech (Skrivana) | mhux applikabbli |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul din is-sena l-*cash office* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba laqa' diversi pagamenti li kienu dovuti mhux biss lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba iżda wkoll lil entitajiet oħra (**Custodial money**) fosthom il-LESA (Law Enforcement System Agency) ir-Reġjuni, id-Dipartiment tal-Artijiet, id-Dipartiment tal-Kummerċ ecc

***Custodial Money***

| Entita' | Sistema | Dettalji | Euros (€) |
|---|---|---|---|
| Kummissarju tal-Artijiet (GPD) | LEMIS | 175 Qbiela u ċnus | 18,635.90 |
| Dipartiment tal-Kummerċ | LAS | 7 liċenzji | 1,040.7 |
| Gwardjani Lokali | Guard and Warden House | Traffiku | 398.52* |
| Reġjun Nofs-in-Nhar | LES | Kontravenzjonijiet | 0 |
| Reġjun Xlokk | LES | Kontravenzjonijiet | 302.90 |
| Reġjun Tramuntana | LES | Kontravenzjonijiet | 0 |
| Reġjun Ċentru | LES | Kontravenzjonijiet | 139.30 |
| Reġjun Għawdex | LES | Kontravenzjonijiet | 0 |
| LESA | LES | Kontravenzjonijiet | 26,474.70 |
| **TOTAL** | | | **46,992.02** |

* Eskluz is-servizz tal-Gwardjani fil-festi mqabbda mill-KLM.

Għat-tielet sena tqassmu l-*vouchers* tal-*Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek* mill-uffiċċju tagħna għal dawk il-persuni li huma intitulati għas-*Celiac Vouchers*. Il-vouchers li tqassmu mill-uffiċċju tagħna kienu jlaħħqu għal ammont ta' **€3,420.00.**

Introjtu mill-Permessi li nħarġu mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba

| | Dettalji tal-Permess | Numru | Ammont (€) |
|---|---|---|---|
| 1 | Attivitajiet | 19 | 133.00 |
| 2 | Depożitar ta' materjal fit-toroq | 6 | 433.20 |
| 3 | Depożitar ta' skips | 72 | 184.44 |
| 4 | Imwejjed u Siggijiet fit-toroq tables | 52 | 1,928.60 |
| 5 | Makkinarju fit-toroq | 341 | 3520.00 |
| 6 | Kabbani u Posti tal-Festi | 155 | 3700.80 |
| | **T O T A L** | | **9,900.04** |

## Il-Ħidma tal-Kunsill

Fl-2016 konna semmejna l-iskema tal-Proġetti Kapitali fir-rapport amministrattiv. Dak iż-żmien kienu daħlu €22,500 *up front*, fil-kont bankarju tagħhna bħala fondi minn din l-iskema biex ikunu utilizzati mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Il-kumplament mit-total ta' €30,000 għadhom se jiġu mgħoddija lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Dan il-fond se jkun qed jiġi nvestit biex it-tfal Imqabbin ikunu jistgħu imorru fi Ġnien Onġi Onġella u minbarra li jirrekrejaw irwieħhom, se jkunu qed jagħmlu sezzjonijiet ta' qari. Minbarra dawn il-fondi, l-Kunsill Lokali tal-Imqabba hu firmatarju ta' *Memorandum of Understanting* mad-Direttur Gvern Lokali biex il-lokalita' tirċievi €20,000 oħra fi *grant* fuq l-istess proġett / jew ossia l-estenzjoni tiegħu.




Din is-sena kienu organizzati diversi attivitajiet soċjali u kulturali. Fost l-oħrajn, kienu organizzati, <u>żewġ *buffet breakfasts*</u> fit-15 ta' Frar u fid-9 ta' Novembru, f'lukanda ewlenija, żewġ ħarġiet għall-gżira Għawdxija fit-23 ta' Mejju u fit-13 ta' Settembru, żewġ *Afternoon Teas* fit-12 ta' Marzu u fis-26 ta' Novembru u sfortunatament kellha titħassar il-mawra ta' Sqallija nhar it-3 ta' Ġunju minħabba li kienet tħabbret l-Elezzjoni Ġenerali li ħarbtet xi ftit l-andament tax-xogħolijiet. Kulturalment kienet organizzata mawra fir-Rabat ta' Malta fejn it-tren mingħajr binarji dawwret lil kull min ġie magħna sal-Imtarfa, fejn wieħed seta japprezza aħjar il-fdalijiet militari u anke s-swar tal-Imdina. Dawn is-siti huma rikki f'dik li hija storja u wirt kulturali bil-fdalijiet biswit il-Villa Rumana, u anke wkoll dawk tal-Gwerra fl-Imtarfa fost dawn insibu l-Isptar tal-Ingliżi u l-arloġġ tal-ħin fuq










kampnar majestuż. Fil-gżira Għawdxija wieħed seta jara l-Mitħna ta' Kola, żjara lill-możajċi fil-Pjazza tal-Knisja ta' Pinu, kif ukoll mawra fit-tempji tal-Ġgantija. Dawn l-attivitajiet intlaqgħu mir-residenti u qed nippjanaw li dawn ser isibu posthom fil-kalendarju tas-snin li ġejjin. Hu normali wkoll li f'dawn l-attivitajiet ikunu akkumulati fondi għall-*Community Chest Fund* li jingħataw fl-Istrina fl-aħħar tas-sena. Din is-sena l-Kunsill ta €443 bħala donazzjoni lill-ET il-President ta' Malta.

Fit-28 t'Ottubru ittellgħet is-serata mużikali fis-Sala tal-Iskola biex ingħata Ġieħ l-Imqabba 2017. Din is-sena kien



imiss li jdoqqu is-Soċjeta' Santa Marija u Band Re Ġorġ V u kienu onorati Dr Charles Farrugia li kien mogħti l-Unur Ġieħ l-Imqabba u s-Sinjuri Rita Saliba, Joe u Marie Sammut, Carmel Ellul u Mario Borg li ingħataw il-premju ta' Mertu. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ta premju ta' rikonoxximent lill-Każin tal-Futbol f'għeluq is-60 sena minn meta kien imwaqqaf il-club kif ukol rikonoxximent lil Rita Abela Damato fl-okkażjoni tal-irtirar mill-uffiċċju tal-*Customer Care* tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Bħalma jsir







is-soltu, fi tmiem il-ġimgħa dedikata għal Jum l-Imqabba, inżammet quddiesa ta' ringrazzjament fil-Parroċċa tal-Imqabba. Fil-ġranet tal-Milied u l-ewwel tas-sena kienu organizzati *Party* tal-Milied għat-Tfal u Party għall-għaqdiet. Għal dawn l-attivitajiet attendew bi ħġarhom diversi residenti Mqabbin. Minbarra dawn l-attivitajiet kien organizzat villaġġ tal-Milied bejn l-1 u t-3 ta' Diċembru 2017. Matulu inġabru wkoll fondi għall-istrina u kellna magħna l-ET il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca.







Fl-24 ta' Jannar, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba organizza l-laqgħa pubblika u li għaliha kellu attendenza sabiħa. F'din il-laqgħa li ssir darba f'sena, l-Kunsill ittratta bl-akbar reqqa il-ħtiġijiet tar-residenti. Minbarra din il-laqgħa, il-Kunsill ħass li għandu jibqa' jorganizza il-laqgħat mal-pubbliku fuq temi u element komuni. Fil-fatt, fl-20 t'April, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ħass li kellu jiltaqa' b'mod speċjali mar-residenti ta' Triq Filippo Venuti u dawk ta' parti minn Triq in-Nazzarenu fejn qed tkun ippjanata li tinbena Dar għall-Anzjani. Minkejja l-oppożizzjoni kbira li kien hemm waqt din il-laqgħa, il-Gvern Ċentrali se jagħmel il-proposti tiegħu fuq il-parir tal-Perit tal-Kunsill li qed iħejji id-diżinji għal *Projects Malta*. Intant, issa dawn l-istess residenti qed jagħmlu appell li għadu ma bediex jinstama' u qed jaħdmu wkoll fuq l-evalwazzjoni tal-art li fuqha se tinbena d-dar tal-anzjani propju fuq il-ġibjun il-miftuħ tal-Imqabba li jieħu l-ilma tax-xita li jaqa' fil-By-Pass, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija.








Inizjattivi nazzjonali li konna mħeġġa nipparteċipaw fihom mid-Dipartiment Gvern Lokali kienet biex jitqajjem għarfien fil-*Fibromyalgia*. Nhar il-11 u t-12 ta' Mejju, l-Kunsill Lokali tal-Imqabba xegħel l-Isptar il-Qadim bid-dwal vjola u blu. Żgur li din l-inizjattiva turi r-ruħ soċjali tal-Kunsill li ma jinteressahx biss mit-toroq u mil-bankini, iżda wkoll l-aspett uman.

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kompla jaħdem sabiex jindirizza l-problemi tal-għargħar li ilu jsofri minnhom is-snin. Wieħed irid jirrikonoxxi illi problemi li ilhom magħna s-snin, ma jistgħux jissolvew *short term*, għaliex jeħtieġ li jitfassal pjan ħolistiku biex dawn ikunu ndirizzati. Infatti l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kien issottometta applikazzjoni

mal-Awtorita' tal-Ippjanar, liema applikazzjoni kienet dak iż-żmien ġiet approvata sabiex fi Triq Ġanni Darmanin ikun kostruwit it-tieni ġibjun skont il-pjan lokali, u beda wkoll id-diskussjonijiet mal-entitajiet kkonċernati sabiex iġib l-għajnuna finanzjarja biex ikun jista' iwettaq proġetti kbar, bħal dak tat-tisqif tal-ġibjun eżistenti u l-bini ta' Dar għall-Anzjani.



F'Diċembru kienu inawgurati numru sabiħ ta' kotba ġodda_u għal dan il-proġett edukattiv ibbenefikajna minn skema nazzjonali fejn kienu ffinanzjati mill-Gvern Centrali nofs l-ispiza li tlaħħaq l-€1,600. Il-Kunsill ra l-importanza ta' l-inizjattiva fost ir-residenti sabiex ikunu kumbattuti l-illitterizmu billi jinvesti fir-rizorsi. Mhux biss, iżda investejna f'*Air Conditioner* ieħor fil-librerija pubblika tal-Imqabba biex il-lezzjonijiet li qed isiru tal-programm *Aqra Miegħi* ikunu esegwiti b'mod komdu li jolqot it-tfal u nibqgħu nirnexxu fil-kumbattiment tal-litteriżmu.



Kien ukoll organizzat kors fl-Isptar il-Qadim fil-Monasteru tul is-sena skolastika 2016-17 u bdejna ieħor fil-Ganutell għas-sena skolastika 2017-18. In-numru sabiħ ta' parteċipanti qed ikollhom sezzjonijiet ta' tliet sigħat fil-ġimgħa. F'dawn il-korsijiet il-Kunsill qiegħed ikompli jħajjar sabiex diversi persuni jkollhom l-opportunita' jitgħallmu jaħdmu affarijiet tal-idejn fl-Isptar il-Qadim, mill-Imqabba stess.

Fil-qasam ambjentali komplejna nagħtu kontribut billi twaħħlu diversi *litter bins* ġodda. Dawn twaħħlu propju biex innaqsu l-ħmieġ mir-raħal tagħna. Matul din is-sena inbidel il-kuntrattur tal-knis tat-toroq għaliex għalaq il-kuntratt u ħriġna s-servizz għall-offerta pubblika permezz tal-pjattaforma elettronika tal-Gvern.



Matul is-sena saret il-manutenzjoni ta' ħafna mit-toroq mill-kuntrattur tagħna filwaqt li bqajna nużaw is-servizzi tal-ħaddiema tar-*Resources and Support Services Ltd* biex niffrankaw spejjeż li ma jkunx hemm għalfejn isiru. Fosthom il-ħdim tad-dekorazzjonijiet tal-Milied, tpoġġija ta' marki tat-traffiku u anke twaħħil ta' sinjali tat-traffiku. Dawn il-ħaddiema jagħtu daqqa t'id

ukoll f'attivitajiet okkażjonali biex per eżempju jittrasportaw il-palk li normalment jissellef mid-Dipartiment tal-Kultura għal xi attivita' kulturali li l-Kunsill jorganizza fl-apert.




Matul din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kompla jirriċikla aktar billi sostan l-inizjattivi li kienu introdotti tard is-sena li għaddiet, dejjem favur l-ambjent u għas-servizz tar-residenti. Dawn kienu jikkonsistu fl-introduzzjoni ta' reċipjenti illi jilqgħu fihom ħwejjeġ użati biex ikunu riċiklati kif ukoll f'reċipjent ieħor biex jilqa' fih skart elettroniku. Tal-ewwel jinsab biswit il-*front office* u fi Triq il-Barrieri u tal-aħħar jinsab propju fl-intrata tal-Għassa tal-Pulizija. B'hekk se jirnexxielna nnaqqsu mill-iskart li jintefa' fil-*landfill* bil-għan mhux biss illi jonqsu l-ispejjeż biex tarmi fl-istess *landfill*, iżda wkoll biex ngħinu lill-Ambjent .




Ix-xogħol fuq il-manutenzjoni u l-infrastruttura ma waqafx, u f'dan ir-rapport qed ninfurmawkom bil-ftit mill-inizjattivi li ħadna biex insewwu u nibnu bankini u nirranġaw l-uċuħ tat-toroq li ħafna minnhom jinqalgħu mal-ewwel ftit xita li tagħmel. Wieħed irid jifhem illi dan is-servizz irid ikun effiċjenti ħalli nnaqsu l-ammont ta' *claims* li jsiru lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba minn dawk li sfortunatament tiġrilhom ħsara fil-vettura u li sussegwentement ifittxuna għad-danni. Intant il-Gvern Ċentrali fehem il-bżonn li jsewwi Triq tas-Sejba li kienet niżlet 'l isfel permezz ta' terrapien li ċeda taħt it-triq minħabba barriera li hemm imħaffra taħtha.





Fondoq simili jeżisti taħt il-Pjazza tal-Knisja tal-Imqabba. Hawn il-proġett ukoll se jkun immaniġjat mill-Gvern Ċentrali. Qed jiġi propost illi l-pjazza li taħtha teżisti ġiebja għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita li kienet tħaffret meta inqata' l-ġebel tal-Knisja Parrokkjali, issir pedonali. B'dan il-kunċett se mmorru bih għand l-*istakeholders* kollha sabiex il-proġett ta' tneħħija ta' wires minn mal-faċċati u d-devjazzjoni tagħhom għal gandotti

taħt il-bankini jkun wieħed illi jagħti dehra estetika pulita lil pjazza u wkoll l-arkitettura ta' bini li hemm imdawwar magħha fosthom il-faċċati maestużi tas-sede tal-każini tal-banda.

Wieħed ma jistax iħalli barra madankollu il-ħin amministrattiv dedikat lejn kuntratturi. Hawn għal sena oħra qed insemmu l-arbitraġġ li qiegħed jinstema' fil-konfront tagħna minn Schembri Barbros Ltd li qed ifittex lilna flok lill-Aġenzija tal-Pagamenti (Agriculture and Rural Paying Agency ARPA) fuq xogħlijiet li saru fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, cioe' fuq infrastruttura ta' telefonija li kellha tagħmel il-wisa' għal proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropeja. Dwar l-istess xogħlijiet Schembri Barbros qed ifittex lill-Kunsill fuq circa €8,088.47 filwaqt li l-istess ARPA li kienet qed titlob lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba circa €14,393,29, dwar l-istess proġett li mhux qed naċċettaw li nagħtuhomlhom, issa aċċettat li jitħallsu €6,974,34 f'ittra datata 24 ta' Frar 2017 Ref: 406/36233/2011.




Fl-isfera internazzjonali, ilqajna fostna wkoll rappreżentanza minn Serrone (Italja) li kienet il-mistiedna tas-Soċjeta' Santa Marija fid-29 t'Ottubru fl-okkażjoni storika tal-għeluq tal-75 sena mil-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija fostna l-Maltin. Din id-delegazzjoni qasmet mas-Sindku u l-kunsillieri xi rigali waqt ċerimonja sinifikattiva li minkejja ma kienetx xi ġemellaġġ, kienet xorta okkażjoni mportanti għall-Imqabbin.



Is-sitwazzjoni fiz-zoni rurali għad fadal biex tiġi waħda ħielsa mil-ħmieġ li qed jintefa illegalment mingħajr ma' l- awtoritajiet jirnexxilhom jaqbdu lil xi ħadd. Tant li għadna nsibu numru kbir ta' abbuż bi *fly tipping* f'postijiet remoti. Anke saħansitra viċin ta' infrastruttura li hija importanti, bħar-*runway* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kif jixhed ir-ritratt anness, fis-sit magħruf, bħala Sqaq Buħar, fil-limiti tal-Imqabba.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom diversi laqgħa mportanti, fosthom dik mal-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onor Owen Bonnici nhar is-17 t'Ottubru, oħra mas-Segretarju Parlamentari għar-Riforma, Ċittadinanza u s-Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi, l-Onor Julia Farrugia Portelli nhar l-10 t'Ottubru u

oħra mal-Onor Ian Borg, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u l-Onor Chris Agius, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjeta', fil-25 t'Awwissu. F'dawn il-laqgħa qsamna diversi idejat importanti biex naħdmu b'inqas diffikulta' f'dik li hija amministrazzjoni, minkejja li kien hemm temi speċifiċi li jirrigwardjaw żvilupp ta' bini f'zoni li s'issa kienu ODZ. Is-Segretarju Ezekuttiv kellu wkoll laqgħa mportanti wkoll mal-Onor Jose' Herrera, l-Ministru tal-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima fejn flimkien ma' impredinturi tal-barrieri fl-Imqabba iddiskutew id-dħul fir-raħal għall-vetturi li qed jidħlu jarmu l-iskart ta' kostruzzjoni fl-inħawi tax-Xantin fil-konfront ta' diversi rapporti li daħlu fi ħdan Transport Malta minn residenti li qed iġarrbu ħsarat fuq il-faċċati tad-djar tagħhom fi Triq Valletta. Insostnu li laqgħat bħal dawn huma mportanti li jibqgħu isiru fuq bażi regolari mhux biex ma jinqatax il-kuntatt man-nies iżda biex ikunu analizzati l-possibilitajiet kollha.

Ilmenti

It-total tal-ilmenti li kienu miftuħa din is-sena ilaħħqu 430.

Dawn kienu maqsuma kif ġej:

| **Xahar** | **Numru** |
|---|---|
| Jannar | 34 |
| Frar | 51 |
| Marzu | 41 |
| April | 30 |
| Mejju | 45 |
| Gunju | 30 |
| Lulju | 48 |
| Awwissu | 42 |
| Settembru | 38 |
| Ottubru | 53 |
| Novembru | 36 |
| Dicembru | 32 |
| **TOTALI** | **480** |

Intant, kien hemm 922 talbiet għal servizzi personalizzati tal-bulky refuse. Dawn is-servizzi jingħataw bieb bieb lill-individwu nhar ta' Erbgħa, Ħamis, Ġimgħa u s-Sibt. Dan sar servizz popolari ħafna li permezz tiegħu innaqsu l-abbuż li jintefgħu bulky refuse items fil-kampanja minn xi ħadd irresponsabbli.

Skont l-iskeda annessa ta' tal-varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq hawn annessa, jidher illi kien hemm *surplus* għal din is-sena ta' €161,074. Madankollu wieħed irid iqis illi dawn il-figuri qed jitkellmu fuq *cash basis* u meta wieħed inaqqas id-depprezzament għas-sena 2017 li jlaħħaq għal €96,257, u l-*increase in provision of doubtful debt* ta' €3,566 dan jirriduċi ruħu f'*surplus* ta' €61,251.

**Organizzazzjoni**

L-istruttura organizzattiva.



**4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati tad-Dħul u l-Infiq**

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2017 ATTWALI €** | **2017 ESTMI €** | **2016 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI/ ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 358,870.00 | 270,040.00 | 339,473.00 | 88,830.00 | 19,397.00 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 12,884.00 | 72,459.00 | 10,820.00 | (59,575.00) | 2,064.00 |
| 0090 | L-Investiment | 55.00 | 12.00 | 32.00 | 43.00 | 23.00 |
| 0100 | Ġenerali | 3,737.00 | 600.00 | 1,110.00 | 3,137.00 | 2,627.00 |
| | **TOTAL** | **375,546.00** | **343,111.00** | **351,435.00** | **32,435.00** | **24,111.00** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 86,773.00 | 82,338.00 | 83,964.00 | (4,435.00) | (2,809.00) |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 127,699.00 | 166,570.00 | 152,900.00 | 38,871.00 | 25,201.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 99,823.00 | 93,785.00 | 108,630.00 | (6,038.00) | 8,807.00 |
| | **TOTAL** | **314,295.00** | **342,693.00** | **345,494.00** | **28,398.00** | **31,199.00** |
| | **Bilanċ** | **61,251.00** | **418.00** | **5,941.00** | **4,037.00** | **(7,088.00)** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2017 ATTWALI €** | **2017 ESTMI €** | **2016 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI - ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **2** | **Id-Dħul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | | |
| 0001 | Annwali | 269,919.00 | 270,040.00 | 258,206.00 | (121.00) | 11,713.00 |
| 0002 | Supplimentari | 21,274.00 | | 13,534.00 | 21,274.00 | 7,740.00 |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Grants released for the year/Ħwejjeġ Oħra | 67,677.00 | | 67,733.00 | 67,677.00 | (56.00) |
| | | **358,870.00** | **270,040.00** | **339,473.00** | **88,830.00** | **19,397.00** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0023 | Attivitajiet Kulturali (kontribuzzjonijiet/donazzjonijiet) | | | | | |
| 0034 | Gandotti (re-charge income account) | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 5,206.00 | | 5,492.00 | 5,206.00 | (286.00) |
| 0037 | Każijiet Sentenzjati | | | | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 7,678.00 | 72,459.00 | 5,328.00 | (64,781.00) | 2,350.00 |
| | | **12,884.00** | **72,459.00** | **10,820.00** | **(59,575.00)** | **2,064.00** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 55.00 | 12.00 | 32.00 | 43.00 | 23.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **55.00** | **12.00** | **32.00** | **43.00** | **23.00** |
| **0100** | **Ġenerali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | 240.00 | | (240.00) | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 3737 | 360.00 | 1110 | 3,377.00 | 2,627.00 |
| | | **3737** | **600.00** | 1110 | 3137 | 2627 |
| | **TOTAL** | **375,546.00** | **343,111.00** | **351,435.00** | **32,435.00** | **24,111.00** |

**Noti:**

Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2017 ATTWALI € | 2017 ESTMI € | 2016 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI-ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| 1 | L-Infiq | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 7,356.00 | 7,244.00 | 7,224.00 | (112.00) | (132.00) |
| | Allowance tad-Deputat/Sindku u l-Kunsillieri | 5,884.00 | | 5,980.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 68,052.00 | 56,858.00 | 65,441.00 | (11,194.00) | (2,611.00) |
| 1300 | Bonus | | 6,536.00 | | 6,536.00 | |
| 1400 | Dħul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 5,481.00 | 5,700.00 | 5,319.00 | 219.00 | (162.00) |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | | 6,000.00 | | 6,000.00 | |
| 1700 | Sahra | | | | | |
| 1800 | FSS Arrears | | | | | |
| | | **86,773.00** | **82,338.00** | **83,964.00** | **1,449.00** | **(2,905.00)** |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,305.00 | 6,800.00 | 7,013.00 | (1,505.00) | (1,292.00) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | | 1,400.00 | | 1,400.00 | |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 14,689.00 | 25,000.00 | 14,435.00 | 10,311.00 | (254.00) |
| 2400 | Kera | 582.00 | 1,800.00 | 1,746.00 | 1,218.00 | 1,164.00 |
| 2500 | Sħubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 24.00 | 350.00 | 345.00 | 326.00 | 321.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 3,143.00 | 4,700.00 | 3,317.00 | 1,557.00 | 174.00 |
| 2700 | Trasport | 1,856.00 | 2,300.00 | 2,251.00 | 444.00 | 395.00 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | | | | | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 3,622.00 | 3,500.00 | 5,612.00 | (122.00) | 1,990.00 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 84,081.00 | 101,820.00 | 96,597.00 | 17,739.00 | 12,516.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 3,253.00 | 4,000.00 | 2,666.00 | 747.00 | (587.00) |
| 3200 | Taħriġ | | | | | |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 7,426.00 | 10,000.00 | 13,028.00 | 2,574.00 | 5,602.00 |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | 361.00 | 400.00 | 1,276.00 | 39.00 | 915.00 |
| 3600 | Infurzar tal-Liġijiet | 357.00 | 4,500.00 | 4,614.00 | 4,143.00 | |
| | | **127,699.00** | **166,570.00** | **152,900.00** | **38,871.00** | **20,944.00** |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | | | | | |
| | Increase in provision for doubtful LES debtors | 3,566.00 | | 2,641.00 | (3,566.00) | (925.00) |
| | Deprezzament | 96257.00 | 93,785.00 | 105989.00 | (2,472.00) | 9,732.00 |
| | | **99,823.00** | **93,785.00** | **108,630.00** | **(6,038.00)** | **8,807.00** |
| | TOTAL | **314,295.00** | **342,693.00** | **345,494.00** | **34,282.00** | **26,846.00** |

**Noti:** Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv

## 5.1 <u>Kontijiet</u>

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

| | | |
|---|---|---|
| ***17905525013*** | **BOV Current Zurrieq (inactive)** | **€0.30** |
| ***17905525026*** | **BOV Savings LES Operating Account** | **€5,476.89** |
| ***40010392218*** | **BOV Savings Zurrieq (inactive)** | **€794.68** |
| ***13601366017*** | **BOV LES Bank Payment Savings** | **€7,991.58** |
| ***40010909313*** | **BOV Savings Mqabba** | **€175,576.03** |
| ***40015022949*** | **BOV Current Mqabba Branch (inactive)** | **€0.92** |
| ***Contol Account 40019794451*** | **BOV Measure 313 (Savings ac)** | **€4,955.80** *account is directly linked to M313 and funds cannot be used for any other reason.* |
| ***40020528315 and 40010909326*** | **BOV Current Accounts** | **€7,750.22** |

## 5.2 <u>Cash in Hand</u>

| | | |
|---|---|---|
| **Nominal Code 5010** | **Petty Cash float** | **€100** |
| **Nominal Code 5013** | **Employees' Cash float** | **€150** |

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv